# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 25**

**Rikors numru 995/12/1 SM**

**Michael Sammut**

**v.**

**Johan Dimech**

**Carmelo Ciappara**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li l-attur ressaq fl-4 ta' Ottubru, 2012, u li jaqra hekk:

> "<u>Dikjarazjoni dwar l-oggett tal-kawza</u>
>
> 1. Illi fit-12 ta' Gunju 2010 sehh incident fl-istabbiliment 'Fuego', fil-Qawra, fejn l-esponent, li kien qed jahdem fl-istess stabbiliment, gie aggredit mill-konvenuti;

2. Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident, il-konvenuti dolozament ikkagunaw feriti gravi u permanenti lill-esponent, u ghalhekk huma unikament responsabbli ghall-incident hawn indikat u ghall-istess danni;

3. Illi d-danni fuq il-persuna ta' l-esponent jikkonsistu fi ksur ta' riglejh, u daqa fuq imniehru li hallietlu marka fuq wiccu, u dan kollox kif certifikat minn diversi tobba illi ezaminawh wara li sehh l-incident (kopja tac-certifikati hawn annessi bhala **Dok.A1 sa Dok.A7**);

4. Illi d-danni li sofra l-esponent jikkonsistu kemm f'dawk damnum emergens kif ukoll lucrum cessans;

<u>Raguni tat-Talba</u>

Illi l-konvenuti ssejjhu sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-esponent, anke permezz ta' ittra legali tat-8 ta' Lulju 2010 (**Dok.B**), u anke ittra ufficcjali (Numru 447/2012) prezentata fis-16 ta' Frar 2012 (**Dok. C)**, imma dawn baqghu inadempjenti;

<u>Talba</u>

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponent qieghed bil-qima jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħgobha, prevja kull dikjarazzjoni opportuna:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma t-tnejn flimkien u solidament bejniethom responsabbli ghad-danni li sofra l-attur minhabba l-incident li sehh fit-12 ta' Gunju 2010 fl-istabbiliment 'Fuego', il-Qawra, u dan peress illi l-istess konvenuti dolozament ikkagunaw feriti u dizabilita' permanenti fuq il-persuna ta' l-esponent.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponent rizultat tal-feriti u dizabilita' permanenti ta' l-esponent, *occorrendo* bil-ħatra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lill-esponent dik is-somma li tigi hekk likwidata favur l-esponent.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra legali tat-8 ta' Lulju 2010, dawk ta' l-ittra uffiċjali 447/2012, tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment, u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-esponent."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Carmelo Ciappara li in forza tagħha eċċipixxa illi:

> "1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-azzjoni odjerna hija wahda preskritta ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li l-eccipjenti qatt ma kien debitament notifikat b'att gudizzjarju skond il-Ligi kif se jirrizulta;
>
> 1. Illi fit-tieni lok u mertu u minghajr pregudizzjoni ghas-sueccepit, it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut mhux responsabbli ghad-debilita' permanenti li l-attur allegatament sofra u dan kif se jiġi ammpjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;
>
> 2. Illi fil-gurnata imsemmija it-12 ta' Gunju 2010 l-esponenti kien gewwa l-'Fuego' fil-Qawra izda huwa qatt ma ippartecipa f'aggressjoni fil-konfront ta' l-attur;
>
> 3. Illi ghalhekk isegwi li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi;
>
> 4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-Ligi;
>
> Bl-ispejjeż kontra l-attur li minn issa qed jigi ingunt ghas-subizzjoni;"

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Johan Dimech li in forza tagħha eċċepixxa illi:

> "1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;
>
> 2. Illi l-konvenut Johan Dimech m'huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghal xi griehi li setgha sofra l-attur daqstant id-dizabilita' permanenti li allegatament sofra l-attur Michael Sammut m'hijiex responsabbilta' ta' r-rikorrenti;
>
> 3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
>
> Bl-ispejjez kontra l-attur."

4. Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2018, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:

"**DECIDE:**

20.1. Filwaqt li tirrespingi l-ewwel (1) eccezzjoni tal-intimat Ciappara;

20.2. Tirrespingi wkoll it-talbiet tar-rikorrenti;

20.3. Takkolji t-tieni (2) eccezzjoni, kemm tal-intimat Ciappara kif ukoll tal-intimat Dimech;

20.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti."

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

"15.0. **Il-Preskrizzjoni *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16:**

15.1. Illi din l-eccezzjoni preliminari giet sollevata mill-intimat Ciappara, (ara paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.), u foll 12);

15.2. Illi l-artiklu in dizamina jistipula s-segwenti:

> "L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn";

15.3. Illi f'dan ir-rigward il-**Qorti tal-Appell**, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Joseph Gauci vs. Saviour Farrugia**,datata it-**22 ta' Gunju, 2005**, irriteniet is-segwenti:

> "...il-qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f'materja ta' preskrizzjoni ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza u *del resto* hu konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fundamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik ghandi tigi nvokata mill-parti,u ma tistax il-qorti tara u tezamina jekk hemmx xi preskrizzjoni li tista` tkun opponibbli peress illi hi materja kollha ta' kuxjenza ..."

"Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteresata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet perzunti mill-ligi hi applikabli;

15.4. Illi konsegwentement, in linea mal-insenjament sucitat il-qorti hi marbuta mad-disposizzjoni statutorja citata mill-intimat in dizamina – f'dan il-kaz l-artiklu 2153 tal-Kap 16 fuq citat;

15.5. Illi l-imsemmi artiklu jindirizza l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat **mhux ikkagunati b'reat**;

15.6. Illi tenut kont tal-fatt li l-allegati danni gew effettivament ikkagunati b'reat – senjatament, issa vjolenti – ghalhekk il-preskrizzjoni ta' sentejn kif kontemplat fl-imsemmi artiklu 2153 tal-Kap 16 mhux applikabbli ghall-fatti in dizamina;

15.7. Illi f'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Mary Ann Borg *nomine* vs. Korporazzjoni EneMalta *et***, datata il-**31 ta' Jannar, 2014**, li irriteniet is-segwenti:

> "Jekk l-azzjoni civili tintlaqatx bl-artiklu 2153 jew mill-artiklu 2154 ma jiddependix minn jekk il-konvenut instabx hati tar-reat, izda jekk il-fatt attribwit lilu jinkwadrax fid-definizzjoni ta' reat jew le. Naturalment, jekk eventwalment jinstab – mill-qorti civili u sal-grad ta' prova li trid il-ligi civili – illi l-fatt ma sehhx, l-azzjoni tfalli mhux minhabba l-preskrizzjoni izda ghax il-premessa tal-azzjoni ma gietx provata. Izda ma tistax aprioristikament u bla ma tqis il-provi fid-dawl tal-oneru tal-prova li trid il-ligi civili tghid illi, ghax il-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ma sabitx htija ta' reat, dan *ipso iure* jwassal ghall-konkluzjoni li l-preskrizzjoni li ghodd ghall-kaz ma hijiex dik taht artiklu, 2154";

15.8. Illi fil-kaz in dizamina r-rikorrenti essenzjalment qieghed isosstni li l-agir tal-intimati fil-konfront tieghu kif minnu allegat jikkonsisti fil-fatt li dolozament ikkagunawlu feriti u dizabilita` permanenti;

15.9. Illi konsegwentement dan hu sufficjenti biex ghall-kaz in dizamina jirrizulta pacifiku li l-artiklu 2153 tal-Kap 16 riklamat mill-intimat *de quo* jirrizulta inapplikabbli u minflok jghodd l-artiklu 2154 tal-istess Kap;

15.10. Illi fid-dawl tal-istess, jekk sussegwentement ma jinstabx li l-intimati, jew min minnhom, huma hatja ta' dak lilhom addebitat, dan iwassal biex l-azzjoni hawn inoltrata mir-rikorrenti taqa' minhabba in-nuqqas tal-prova premessa u mhux minhabba l-preskrizzjoni taht l-artiklu 2153 fuq indikat;

15.11. Illi in vista tal-fatt li jirrizulta pacifiku li d-danni sofferti mir-rikorrenti huma naxxenti minn reat, allura l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 ghandha tigi respinta, stante li ghar-raguni fuq esposta din mhix il-preskrizzjoni applikabbli ghall-incident li minnu jilmenta r-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

16.0. **Il-Mertu tal-Vertenza**:

16.1. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li z-zewg intimati jirrespingu l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huma kienu responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

16.2. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Vincent u Carmen konjugi Schiavone vs. Michael u Frances konjugi Psaila**, datata id-**29 ta' Mejju, 2014**, li sosstniet is-segwenti:

> "Ghas-success ta' azzjoni bhal dik *de quo* hemm il-htiega li r-rikorrenti konkretament jistabbilixxu u jipprovaw, fil-grad rikjest mill-ligi f'kawzi simili, tlett ingredjenti fundamentali b'mod kumulattiv ossija:
>
> i. fl-ewwel lok, li kien hemm kondotta kolpuza tal-konvenuti li tirradika l-htija *ai termini* tad-disposizzjonijiet pertinenti tal-Kodici Civili;
>
> ii. fit-tieni lok, li jaghtu prova tal-hsara minnhom subita u tali prova ghandha tkun materjali u konkreta; u
>
> iii. fit-tielet u l-ahhar lok, li jirnexxielhom jorbtu l-ewwel punt mat-tieni wiehed *tramite* ness ezjologiku ta' kawzalita`, li jfisser li kienet il-kondotta kwazi-delittwizu tal-intimati li direttament kkagunat is-sinistru (hsarat lamentati)";

16.3. Illi l-intimati jirrespingu l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huma kienu responsabbli ghall-incident in dizamina;

16.4. Illi ghalhekk f'dan l-istadju hu doveruz li jigi ezaminat l-assjem kollu ta' dak rikjamat mill-partijiet biex b'hekk tigi determinata l-vertenza b'gustizzja;

16.5. Illi ghalhekk jigi sottolineat is-segwenti:

16.5.1. Illi la s-Surgent Ambrogio tal-iSkwadra Mobbli, (ara foll 60), u lanqas il-Kuntistabbli Mifsud, (ara foll 102), ma identifikaw lill-intimati bhala l-persuni li aggredew lir-rikorrenti;

16.5.2. Illi l-imsemmi Kuntistabbli Mifsud iddepona li kienu:

> "... shab Jimmy ... (li) qabdu jsawtu lil Michael Sammut," (ara foll 102);

16.5.3. Illi l-istess kuntisbabbli ma jispecifika xejn dwar minn kienu dawn "shab" Jimmy – li lanqas biss hu parti mill-procedura odjerna;

16.5.4. Illi kien il-Kuntistabbli Debrincat li identifika lill-intimat Dimech jiggieled ma Joseph Attard, (ufficjal tas-sigurta` impjegat mal-"Fuego"), (ara foll 110), u mhux mar-rikorrenti, u li ra lill-intimat Ciappara jiggieled u jinsulenta lil xi membri tas-sigurta` tal-istess stabbiliment – izda mhux mar-rikorrenti, (ara foll 110);

16.5.5. Illi x-xhud Francine Debono iddeponiet li kienet prezenti fil-mument tal-incident izda m'gharfitx lil minn kien wegga lir-rikorrenti, (ara foll 116 u 117);

16.5.6. Illi r-rikorrenti, min-naha tieghu isosstni li l-intimat tah daqqa ta' banketta fuq imniehru, (ara foll 38);

16.5.7. Illi mad-daqqa waqa` fl-art b'saqajh mahrugin il-barra fuq zewg targiet, bl- intimat Ciappara jitlalu fuq saqajh u jiksirlu l-ghaksa, (ara foll 38);

16.5.8. Illi pero` l-istess rikorrenti jsosstni li f'dan kollu hu kien fl-art stordut, (ara foll 38);

16.5.9. Illi fid-dawl tas-suespost din il-qorti tqis li l-versjoni tar-rikorrenti hi pjuttost kontradittorja *stante* li jkun verament inverosimili li persuna tidentifika persuna ohra meta tkun fi stat ta' stordiment u f'sitwazzjoni fejn ikun hemm konfuzjoni shiha jkun hemm grupp ta' nies konsiderevoli jikkontestaw lil xulxin fizikament u fid-dlam, (ara foll 102 u 117);

16.5.10. Illi fir-rigward tal-intimat Ciappara jirrizulata li dan effettivament kien qed jinsulenta u jiggieled mal-persuni inkarigati mis-sigurta` tal-imsemmi stabbiliment, (ara foll110);

16.5.11. Illi pero`, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif fuq delineati, ma' jirrizultax, lanqas sal-grad tal-probabbli, li kien hu li kiser l-ghaksa tar-rikorrenti kif allegat;

16.5.12. Illi *di piu`*, anke fir-rigward tal-intimat Dimech, jinghad li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma jirrizultax, lanqas sal-grad tal-probabbli, li kien hu li ta' d-daqqa tal-banketta lir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

17. Illi inkwantu ghall-grad tal-prova rikjest fi proceduri civili u kriminali, issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Mario u Carmela konjugi Camilleri vs. Robert Azzopardi**, datata l-**14 ta' Lulju, 2017**, li irriteniet f'dan ir-rigward is-segwenti:

> "Kwantu ghall-grad tal-prova rikjesta fil-proceduri civili u proceduri kriminali:
>
> > "Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet, imma dik ic-certezza morali hi bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-

> preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubbju ragjonevoli. (**Eucaristico Zammit vs. Eustrachio Petrococchino, Q.A. 25.02.1952**)";
>
> Ikkunsidrat:
>
> 18.Illi jirrizulta pacifiku li l-verzjoni tar-rikorrenti kif elenkata fir-rikors guramentat promotur ma ssib l-ebda sostenn mill-provi rakkolti *in atti*;
>
> 19.Illi konsegwentement, din il-qorti ma tistax tirritjeni li hi moralment konvinta li ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-allegata responsabbilita` tal-intimati, d-dinamika tal-incident zviluppat kif rakkontata mir-rikorrenti;"

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

> "tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:
>
> (1) Billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-appellat Carmelo Ciappara;
>
> (2) Tirrevokaha in kwantu laqghet it-tieni eccezzjoni kemm ta' l-appellat Carmelo Ciappara u kemm ta' l-appellat Johan Dimech, u konsegwentement tilkqa' t-talbiet attrici.
>
> Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati".

7. Rat ir-risposta ta' Johan Dimech li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant.

8. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet.

9. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat

10. Illi jirriżulta li f'Ġunju tal-2010 seħħ inċident fi stabbiliment fil-Qawra li fih l-attur ġie aggredit u sofra debilità permanenti. L-attur jgħid li din l-aggressjoni seħħet miż-żewġ konvenuti u qed jitlob il-kundanna tagħhom *in solidum* u ħlas tad-danni mingħandhom. Il-konvenuti, fil-waqt li jgħidu li kienu fl-istabbiliment meta seħħ l-inċident, ċaħdu li huma kienu l-aggressuri. L-Ewwel Qorti sabet favur il-konvenuti għax osservat li ma kinitx konvinta li l-attur irnexxielu jipprova r-responsabbiltà tagħhom.

11. L-attur ressaq appell u bażikament qed jilmenta mill-analiżi tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti u qed jinsisti li kienu l-konvenuti li aggredewh u tawh xebgħa tant li sofra debilità permanenti.

12. Din il-Qorti tara li bażikament l-attur appellant qed jitlob lil din il-Qorti tasal għal konklużjoni differenti minn dik raġġunta mill-Ewwel Qorti fuq is-saħħa tal-provi miġbura. Issa, fejn jidħol l-apprezzament tal-provi, din il-Qorti hija konsapevoli ta' ġurisprudenza fis-sens li, bħala Qorti ta' reviżjoni, tista' tiddisturba biss id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti f'każijiet eċċezzjonali meta tħoss li dak l-eżerċizzju kien żbaljat. Fil-fatt, kif qalet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "**Attard v. Direttur tas-Saħħa**", deċiża fit-30 ta' Mejju, 2014:

> "Din il-Qorti però f'każ tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in

> kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.”

Fil-fatt, jidher ċar minn qari tas-sentenzi riċensuri ta’ din il-Qorti, li qed tiżviluppa aktar u aktar il-prassi tagħha li tagħmel valutazzjoni mill-ġdid tal-provi, speċjalment fid-dawl tal-fatt li din il-Qorti ma hijiex qorti ta’ kassazzjoni iżda waħda ta’ reviżjoni tal-każ minn kull lat. Ovvjament, ir-raġunament tal-Ewwel Qorti jrid jingħata piż, speċjalment jekk jonqos fil-ġudikanti tal-appell il-konvinċiment morali li jiddeċiedi mod ieħor.

13. Din il-Qorti tara li, f’dan il-każ, għandha konvinċiment morali differenti minn dik tal-Ewwel Qorti. Kif intqal drabi oħra, meta jkun każ ta’ kunflitt ta’ provi:

> “*il-Qorti allura jeħtieġ li tara jekk verzjoni waħda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta probabiltajiet; b’hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa’ fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola ‘in dubio pro reo’* – **Enrico Camilleri v. Martin Borg,** Appell Inferjuri, 17 ta’ Marzu 2003)”

14. F’dan il-każ, ibda biex, l-attur spjega b’mod ċar kif seħħ l-inċident u ma ġiex attakkat b’kontro-eżami:

> “Kif insibu fil-ktieb ta’ **Peter Murphy (“Murphy on Evidence” 7th Ediz. 2000, pagna 511),** “*Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness’s evidence in chief. It is therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise , the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine ... ...*”
>
> (ara wkoll il-kawża fl-ismijiet “Cilia v. Cilia”, deċiża min din il-Qorti fit-28 ta’ Settembru, 2012).

15. Naturalment, xorta waħda l-verżjoni msemmija fl-affidavit trid tkun verosimili, u din il-Qorti tara li hekk hu f'dan il-każ. L-attur fir-rikors tal-appell tiegħu, għamel reassunt qasir u puntwalizzat tal-inċident, u din il-Qorti tara li hu tajjeb li jiġi riprodott hawnhekk, peress li jagħti stampa ċara tal-akkadut. Hu qal hekk:

> "*Illi l-esponent jissottometti illi d-danni subiti minnu originaw minn incident li sehh fit-12 ta' Gunju 2010, fejn l-esponent, li kien jahdem bhala 'bouncer part-time' fl-istabbiliment EL Fuego, Qawra, kien qieghed go l-istabbiliment, xi erba' piedi 'l boghod mill-bar. Fid-daqqa u l-ħin ġie raġel li ma kienux jafu, u ta daqqa fuq il-cash register. Mar fuqu bil-prudenza u nduna li dan ir-ragel kien gej bl-inkwiet. Ghajjat lil shabu bouncers oħra minn fuq ir-radio, u gew. Qabdu biex johorgu lil dan l-individwu 'il barra, imbaghad tfaċċa raġel ieħor u beda jigbdu 'l gewwa. Jigifieri filwaqt li l-esponenti u l-kollegi kienu qed johorgu lill-ewwel wiehed, gie siehbu biex jerga' jdahhlu. Meta raw hekk, kienu ha johorgu lit-tnejn li huma barra. Wiehed minnhom però, u cioè t-tieni wiehed, harbilhom fit-tarag, kien hemm xi erba' targiet u rega' dahal fil-hanut. L-esponent dahal lura ghal dan li kien harab 'il gewwa, u kien hemm ragel iehor, li kien fil-grupp ta' dan li harab, u tani daqqa ta' banketta fuq imniehri. Dan kien il-konvenut Johan Dimech. Din il-banketta kienet tqila sew, għax kienet kollha hadid. Kienet banketta mill-gholjin tal-bars, u bil-wicc it-tond taghha laqat lill-esponent fuq imniehru, tant li l-esponent waqa' ma' l-art. Bil-waqa' gie mimdud b'saqajh fl-arja mahrugin 'il barra fuq zewg targiet. Kien hemm wiehed iehor minn dan il-grupp, u cioè l-konvenut l-iehor Carmelo Ciappara, li telaghlu fuq saqajh li kienet in arja, bil-piz kollu tieghu, u faqqaghli l-ghaksa ta' sieqe x-xellugija. L-esponent imbghad gie biex iqum u beda jitmieghek ma' l-art u ma setax iqum. Imbgħad dahlu l-kollegi tieghu, hu ntefa' fil-genb, u ma setax iqum. Tkaxkar ma' l-art ghal got-toilet, u tkaxkar propju ghax kull darba li beda jipprova jqum fuq saqajh, beda joghtor. Fit-toilet intebah li kellu xi oggett f'imniehru u rrealizza li kienet skalda. Prova jaqla' din l-istess skalda u malli qalaghha dlonk id-demm tar 'il barra minn imnieħru. Qamet certu agha, u kien hemm xi nies li kienu klijenti li marru jaraw x'ghandu. Wara dahlu xi pulizija u rawh, u mbghad cemplu lill-ambulanza ghalih.*"

16. Għalkemm l-attur ħassu sturdut bid-daqqa ta' banketta, seta' jsegwi sew dak kollu li ġara. Iż-żewġ konvenuti ġew minnu identifikati mill-ewwel, u meta tqis li dawn il-konvenuti, meta nħarġu 'l-barra mill-

istabbiliment, baqgħu jargumentaw mal-pulizija u jaqilgħu l-inkwiet, ix-xhieda tal-attur- li l-Qorti trid terġa' tfakkar ma ġiex kontro-eżaminat-tidher li hija pjuttost ċara u verosimili.  Fil-fatt, Pc Christopher Debrincat xehed li fl-istabbiliment:

> "*Kien hemm ċertu Carmelo Ciappara wieħed mill-individwi li qala' l-inkwiet fl-istabbiliment in kwistjoni illi barra baqa' għaddej bl-insulti u bil-ġlied kemm mas-security u lanqas beda jobdi l-ordnijiet tagħna meta pruvajna nwaqqfuh."*

Anke ċertu Carmelo Borda, wieħed ieħor mis-*security* fl-istabbiliment, xehed illi:

> "*Niftakar li dawk li sawtuh qalgħu nkwiet barra mas-securities tagħna fuq barra u wieħed minnha, imlaqqam 'il-lupu', ġie fl-idejn magħhom*."

Jiġifieri, dawk li sawtu lill-attur, ħarġu barra u komplew jiġġieldu u jaqilgħu l-inkwiet anke barra l-istabbiliment, u dawn in-nies ġew identifikati bħala li huma l-konvenuti.

17. Kollox ma' kollox, din il-Qorti hija konvinta bil-verżjoni ta' kif sar l-inċident u minn kif irrakkontata mill-attur appellant. F'dik il-verżjoni l-attur kien ċert u konsistenti tul is-smigħ tal-kawża.  Anke fir-rapport tal-Pulizija jirriżulta li l-attur mill-ewwel identifika lill-konvenuti bħala l-aggressuri tiegħu, u l-istess konvenuti ġew identifikati bħala li kienu qed jaqilgħu l-ġlied barra l-istabbilment wara l-inċident.  Għalhekk, il-Qorti qiegħda tilqa' l-aggravju tal-appellant u issib li l-konvenuti appellati jaħtu għall-inċident mertu tal-każ u li fih l-appellant ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux.

18. Issa li din il-Qorti sejra tiddipartixxi mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, sejra tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni għax hemm biżżejjed provi li jistgħu jwasslu lil din il-Qorti tiffissa kumpens. Din il-kawża diġà ilha ħdax-il sena pendenti, u ma tarax li l-każ għandu jiġi riferut lill-Ewwel Qorti biex tagħmel l-eżami hi. *Del resto* il-likwidazzjoni tad-danni minn din il-Qorti hu permissibbli bl-Artikolu 233 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

19. L-attur qed jitlob kemm *lucrum cessans* kif ukoll *damnum emergens*. Taħt l-ewwel kappa esebixxa riċevuti għall-€55 għal vista li kellu fl-isptar privat u €350 għall-konsulent, totali ta' <u>€405.</u> Għal fini tat-tieni kappa, jirriżulta li l-attur kellu dħul ta' €12,040 fis-sena; din sejra tiżdied għall-€12,500 biex jingħata kont ta' żidiet li jkun hemm fid-dħul tul is-snin. L-attur kellu 47 fiż-żmien tal-inċident; meħud kont tac-*chances and changes of life*, din il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' erbatax-il sena. Id-diżabilità ġiet stabbilita li hija 2%. B'hekk, bit-tħaddim tal-formula solita użata, jiġi li l-kumpens dovut huwa ta' €12,500x 14x 2%= <u>€3,500</u>. Peress illi din il-kawża ilha pendenti ħdax-il sena, ma hemmx lok li jsir tnaqqis minħabba *lump sum payment*. B'hekk, it-total dovut lill-attur huwa ta' €3,500 + €405= €3,905.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur Michael Sammut billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti u minflok tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tal-attur, tillikwida d-danni fis-somma ta' €3,905 u tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu *in solidum* lill-attur din is-somma ta' €3,905, bl-imgħax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjeż kollha tal-kawża, inkluż dawk in Prim Istanz, jitħallsu *in solidum* mill-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da